MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2003

Talba Numru. 2990/2002

**Salvu u Carmen konjugi Grech
vs
Robert Attard**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ Lm441.86 (erba mija u wiehed u erbghin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu) (Dok P) rapprezentanti danni dovuti in konnessjoni ma’ incident stradali li l-konvenut kien responsabbli ghalih li sehh San Gwann fid-9 ta’ Awissu 2002 bejn Fiat EAN 572 misjuqa mill-attur u Toyota FAI 046 misjuqa mill-konvenut.

Bl-ispejjes, komprizi Lm15.50c ta’ ittra u konsult, dawk tal-ittra ufficjali tad-data tal-avviz tas-smiegh ai termini tal-Kap 104 u dana bl-imghax minn notifika ta’ dana l-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta‘ cessjoni tas-sorte datata 24 ta‘ Frar 2003 stante pagament, u gie mizmum ferm il-kap tal-ispejjes, konfermata bil-gurament.

Ra li l-konvenut baqgha kontumaci;

Fic-cirkostanzi, it-Trubinal jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici pero’ dwar il-kap tal-ispejjes, jikkundanna lill-konvenut ihallas l-istess lill-atturi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------